



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2016)0368**

**Għajjnuna legali għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma m'caħħda mil-libertà kif ukoll għajjnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajjnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma m'caħħda mil-libertà kif ukoll għajjnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (COM(2013)0824 – C7-0429/2013 – 2013/0409(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0824,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0429/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Marzu 2014<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0165/2015),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill

---

<sup>1</sup> ĠU C 226, 16.7.2014, p. 63.

u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P8\_TC1-COD(2013)0409**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Ottubru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew**

*(Peress li ntlaħaq fehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, id-Direttiva (UE) 2016/1919.)*